**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI ISTRUTTORJA**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur**

**Il-Pulizija**
**(Supretendent Fabian Fleri)**
**(Spettur Lydon Zammit)**
**(Spettur Kylie Borg)**

**vs**

**Jassem Al Taher**

**Kumpilazzjoni 500/2019**

**Illum, 14 ta' Gunju 2021**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra:

> "**Jassem Al Taher,** detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 122200L.

1. Nakkuzawh talli nhar l-10 t'Awwissu 2019, ghall-habta ta' bejn l-12:00hrs u is-13:00hrs minn gewwa ir-residenza bin-numru 46

Flat 5 li tinsab fi Triq Marsamxett, Valletta flimkien ma’ persuni ohra ikkommetta serq ta’ flus u apparat elettroniku liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza diretta fuq il-persuna ta’ Dolores Gauci li hija persuna anzjana ta’ 69 sena, bil-mezz, bil-valur, li jeccedi l-elfejn tlett mija u disa’ w ghoxrin Euro u sebgha w tletin centezmu (€2329.37), u bil-lok u li sar ghad-dannu tal-familja Gauci u/jew ta’ xi persuna/i ohra. *Artikoli 261 (a)(b)(c)(e), 261 (1)(a)(b)(2), 263 (a), 267, 269 (g), 274 (c), 276, 276, 276A, 277 (b), 279 (b), 280 (2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.*

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi bla ordni skond il-ligi ta’ l-awtorita’ kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Dolores Gauci anzjana ta’ 69 sena kontra l-volonta’ taghha liema persuna giet offiza fuq il-persuna taghha u mhedda bil-mewt u dan bil-hsieb ta’ estorsjoni ta’ flus jew hwejjeg ohra u/jew biex tkun mgieghla taccetta li taghmel xi trasferiment ta’ hwejjigha. *Artikoli 86, 87 (1)(c)(e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.*

3. Ikkaguna griehi ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Dolores Gauci hekk skond kif iccertifika Dr. Mario Scerri MD bhala espert mahtur fl-Inkjesta Magisterjali. *Art 221 (3)(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.*

4. Garr il-barra minn xi fond jew id-dintorni tieghu xi sikkina jew strument li jaqta’ jew bil-ponta ta’ liema xorta jkun minghajr ma kellu licenzja jew permess minghand il-Kummissarju tal-Pulizija. *Artikoli 51 (7), 55 (a) tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta’ Malta.*

5. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi sar ricediv ai termini tal-artikolu 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u

dan b'diversi sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu.

6. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi naqas milli jhares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D fid-digriet taghha tas-27 ta' Marzu 2019 li bih tat il-helsien mill-arrest. *Artikoli 579 (1) (2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.*

7. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi naqas milli jhares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dr. Claire Stafrace Zammit LLD fid-digriet tat-2 ta' Mejju 2019 li bih tat il-helsien mill-arrest. *Artikoli 579 (1)(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.*

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta."

Semghet lill-Ufficjali Prosekuturi jikkonfermaw l-akkuzi bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghet il-provi;

Semghet l-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputat fl-udjenza tat-3 ta' Marzu 2021 ghall-imputazzjonijiet kif migjuba kontra tieghu u l-insistenza f'din l-ammissjoni wara li kien inghata iz-zmien skont il-Ligi sabiex jirrikonsidra tali ammissjoni;

Semghet fl-udjenza tal-lum lill-imputat jerga' jikkonferma l-ammissjoni tieghu wara li rega' inghata zmien biex jerga' jirrikonsidra l-ammissjoni tieghu u kkonferma li fehem sewwa n-natura u l-gravita' ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u li fehem wkoll li l-ammissjoni tieghu, kif fehmitu din il-Qorti fl-udjenza, setghet iggib konsegwenzi serji fil-piena.

Semghet is-sottomissjonijiet finali dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Illi in vista ta' din l-ammissjoni, u la darba ma hemm xejn x'jindika lil din il-Qorti li ma ghandhiex toqghod fuq tali ammissjoni, u wara li qieset l-atti, l-Qorti m'ghandhiex triq ohra hlief li ssib lill-imputat hati tal-akkuzi kif migjuba kontra tieghu u konsegwentament tghaddi ghad-dikjarazzjoni ta' htija skont l-ammissjoni tieghu.

**Ikkunsidrat:**

Illi f'din il-kawza l-imputat huwa akkuzat bis-serq illi mhux serq semplici izda serq kwalifikat b'diversi aggravji[1] u cioe' serq kwalifikat bil-vjolenza[2], serq kwalifikat bil-mezz[3], serq kwalifikat bil-valur[4], serq kwalifikat bil-lok[5], serq akkumpanjat b'offiza fuq il-persuna[6], serq biz-zamma tal-persuna[7], serq kwalifikat bi vjolenza izda mhux b'omicidju ikkunsmat[8].

---

[1] Akkuza paragrafu 1.
[2] Art. 261(a) u 262(1) (a) (b), Art. 262 (2) tal-Kap. 9
[3] Art. 261(b) u 263 tal-Kap. 9
[4] Art. 261(c) tal-Kap. 9
[5] Art. 261(e) u 269(g) tal-Kap. 9
[6] Art. 274 (d) tal-Kap. 9 piena tmintax il-xahar s tlett snin Art. 275
[7] Art. 275 tal-Kap. 9 piena sena sa erba' snin
[8] Art. 276 tal-Kap. 9 piena disa' xhur sa tlett snin.

Illi in oltre dan il-kaz jaqa' wkoll taht l-Artiklu 276A li jipprovdi ghall-piena ghal meta l-vjolenza tkun diretta kontra certi persuni fl-Artikoli 274, 275 u 276, bil-piena f'tali kazijiet **tizdied bi grad jew zewg gradi**.

Illi fil-komputazzjoni tal-piena l-Qorti ghandha tikkunsidra wkoll l-Artiklu 277 (a) li jirreferi ghas-serq ikkwalifikat bil-vjolenza u bi kwalifiki ohra, mhux tal-mezz u jipprovdi illi ghandha tapplika **l-piena** msemmija fl-Art. 274, 275, 276 jew 276A **mhux fil-minimum taghha.**

Illi fil-komputazzjoni tal-piena l-Qorti ghandha tikkunsidra wkoll l-Artiklu 277(b) li jirreferi ghas-serq ikkwalifikat **bil-vjolenza u bi kwalifiki ohra inkluz tal-mezz** u jipprovdi illi l-piena msemmija fl-Art. 274, 275, 276 jew 276A **mizjuda bi grad jew tnejn.**

Illi l-Artiklu 278(1) jirreferi ghall-piena ghas-**serq ikkwalifikat bil-mezz biss** u jipprovdi ghall-piena minn **hames xhur sa tliet snin.**

Illi l-Artiklu 278(2) jirreferi ghas-serq ikkwalifikat **bil-mezz u bi kwalifika ohra mhux vjolenza** f'liema kaz jipprovdi li l-**piena m'ghandhiex tkun fil-minimu taghha.**

L-Artiklu 278(3) jirreferi ghall-piena ghas-serq ikkwalifikat **bil-mezz u b'zewg kwalifiki jew izjed izda mhux bil-vjolenza u** jipprovdi li l-**piena ghandha tizdied bi grad u mhux fil-minimu taghha.**

L-Artiklu 279(b) jirreferi ghall-piena ghas-serq **kwalfikat bil-valur izjed minn €2329.37 u jipprovdi ghall-piena ta' tlettax-il xahar sa seba' snin.**

L-Artiklu 280(1) jirreferi ghall-piena ghas-serq ikkwalifikat bil-valur u bi kwalifika wahda jew izjed **izda mhux bil-vjolenza jew mezz** u

jaghmel applikabbli l-piena msemmija f'Art. 279(b) izda mhux fil-minimum taghha.

L-Artiklu 280(2) jirreferi ghall-piena ghas-serq ikkwalifikat bil-valur u bil-vjolenza/mezz jew bit-tnejn u jaghmel applikabbli l-piena prevista ghas-serq akkumpanjat b'dawk il-kwalifiki. Izda jekk din il-piena tkun anqas mill-pieni msemmija fl-ahhar artikolu qabel dan, ghandhom jinghataw dawn l-ahhar pieni **mizjuda bi grad**.

L-Artiklu 281(a) jirreferi ghall-piena ghas-serq **ikkwalifikat bil-persuna, lok, hin, jew bix-xorta tal-haga misruqa** u jipprovdi ghall-piena ta' **seba' xhur sa sentejn.**

**Ikkunsidrat:**

Illi l-akkuzat huwa akkuzat ukoll bl-arrest, zamma jew sekwestru ta' Dolores Gauci, anzjana ta' 69 sena[9] taht l-Artiklu 86 u 87 (1) (c) u (e) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-Artiklu 86 jirreferi ghall-**arrest, detenzjoni, jew sekwestru ta' persuna kontra l-ligi** u jipprovdi ghall-piena ta' **seba' xhur sa sentejn.**

Illi l-Artiklu 87(1)(c) jipprovdi ghac-cirkostanzi aggravanti - offiza fuq il-persuna/mhedda bil-mewt u jipprovdi piena ta' **tlettax-il xahar sa tliet snin.**

Illi l-Artiklu 87(1)(e) jipprovdi ghal tali att bil-hsieb ta' estorsjoni ta' flus jew hwejjeg ohra u jipprovdi ghall-piena ta' **tlettax-il xahar sa tliet snin.**

[9] Akkuza paragrafu 2.

Illi l-imputat huwa wkoll akkuzat b'offiza fuq il-persuna taht l-Artiklu 221(3)(b)[10] li jipprovdi ghall-**piena tal-kontravvenzjonijiet**.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputat huwa wkoll akkuzat bil-garr ta' sikkina minghajr ma kellu licenzja[11] taht l-Artikoli 51 (7) u 55 (a) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi l-Artiklu 64 (1) u (2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jiddefenixxi x'jikkostitwixxi arma regolari u jaqraw hekk:

(1) *Huma armi regulari l-armi kollha tan-nar, u l-armi, strumenti u l-għodod l-oħra kollha li għandhom bħala skop prinċipali d-difiża ta' wieħed innifsu jew l-offiża ta' ħaddieħor.*

(2) *L-armi, strumenti u għodod oħra kollha ma jitqisux bħala armi, ħlief meta fil-fatt jiġu wżati għall-offiża jew għad-difiża, u f'dan il-każ jissejħu armi irregulari.*

L-Artiklu 2 tal-Kapitlu 480 fir-rigward tat-tifsira ta' arma regolari taht dan l-Att izomm l-istess tifsira moghtija mill-Artikolu 64 tal-Kapitolu 9.

Illi l-Artikolu 51 (1) tal-Kapitolu 480 jirreferi ghall-piena applikabbli taht l-Att u s-sub-Artikolu (a) jipprovdi ghall-piena **minn tlett xhur sa ghaxar snin.**

Illi l-Artikolu 51 (7) tal-Kapitolu 480 jirreferi ghall-Artikolu 6 u l-Artikolu 21. L-Artikolu 6 jirreferi ghall-garr ta' arma minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija u jipprovdi ghall-**piena ta' multa ta' mija u sittax il-Ewro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47).** L-Artikolu

[10] Akkuza paragrafu 3.
[11] Akkuza paragrafu 4.

21 jirreferi ghall-bejgh ta' armi lill-minorenni u ghalhekk mhux relevanti ghall-kaz in ezami.

Illi l-Artikolu 55 (a) jipprovdi ghall-piena ghall-pussess ta' arma regolari waqt illi jkun qed jikkommetti reat kontra l-persuna u jipprovdi ghall-**piena ta' mhux izjed minn erba' snin.**

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputat huwa akkuzat ukoll illi huwa recidiv taht l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi l-Artikolu 289 jipprovdi ghall-aggravji fil-piena **bi grad jew tnejn** f'kaz tat-tieni kundanna u bi **tlett gradi** fil-kaz tat-tielet kundanna jew ohrajn warajha.

Illi skond il-fedina penali[12], li ma hiex aggornata u tieqaf fis-sena 2008, l-imputat gia kellu zewg kawzi ta' serq sas-sena 2008, ghalkemm ta' portata izghar, u ghalhekk dan il-kaz jigi t-tielet kaz ta' serq.

**Ikkunsidrat:**

Illi fir-rigward tal-akkuzi fil-paragrafu 6 li taqra: "Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi naqas milli jhares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dr Monica Vella LL.D fid-digriet taghha tas-27 ta' Marzu 2019 li bih tat il-helsien mill-arrest. *Artikoli 579 (1) (2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta*.", id-Difiza esebiet sentenza[13] ta' din il-Qorti diversament preseduta tat-18 ta' Jannar 2021, fejn l-imputat kien gia akkuzat b'tali akkuza u inghata s-sentenza relattiva Konsegwentament din il-Qorti mhux se tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija akkuza.

[12] Esebita a folio 8 tal-process.
[13] Dokument X a folio 475 tal-process

**Ikkunsidrat:**

Illi fir-rigward tal-akkuzi fil-paragrafu 7 li taqra: "Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi naqas milli jhares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dr Claire Stafrace Zammit LLD fid-digriet tat-2 ta' Mejju 2019 li bih tat il-helsien mill-arrest. *Artikoli 579 (1)(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta*.", id-Difiza esebiet sentenza[14] ta' din il-Qorti diversament preseduta tad-29 ta' Jannar 2020, bil-ghan illi turi li l-imputat kien gia akkuzat b'tali akkuza u inghata s-sentenza relattiva. Illi pero' minn qari tal-imsemmija sentenza jirrizulta li l-akkuza fil-paragrafu sebgha (7) fil-kawza in ezami quddiem il-Qorti illum ma kinitx wahda mill-akkuzi f'dawk il-proceduri u ghalhekk din il-Qorti hija obbligata illi, fuq l-istess ammissjoni tal-imputat, issib htija fl-imputat fuq l-istess akkuza.

**Ikkunsidrat:**

Ghall-finijiet ta' piena idoneja fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz, il-Qorti qieset ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u in partikolari s-segwenti fatturi u cioe': (a) In-natura u gravita' tar-reati addebitati lill-imputat u li ghalihom l-imputat ammetta; (b) L-ammissjoni tal-imputat ghalkemm f'dan l-istadju avvanzat tal-proceduri (c) Il-fedina penali ta' l-imputat u (d) li l-imputat huwa recidiv.

**Decide:**

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 17, 20, 31, 86, 87(1)(c), 87(1)(e), 214, 215, 221(1), 221(3)(b), 261 (a), 261(b), 261(c), 261(e), 262(1)(a), 262(1)(b), 262(2), 263, 267, 269(g), 274(d), 275, 276,

---

[14] A folio 479 tal-process

276A, 277(a), 277(b), 278(1), 278(2), 278(3), 279(b), 280(1), 280(2), 281(a), 533, 579(1) u (2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikoli 6, 51(7) u 55 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni tal-imputat issib lill-imputat hati u (1) tikkundannah **kumplessivament** ghal tmien snin prigunerja effettivi u (2) ai termini tal-Artiklu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tohrog Ordni ta' Protezzjoni favur il-vittma Dolores Gauci ghal zmien tlett snin li tibda tiddekorri wara li l-imputat jiskonta din is-sentenza, u (3) tikkundanna lill-imputat milli jkollu licenzja ghal garr ta' l-armi ghal zmien sentejn li jibdew jiddekorru wara li l-imputat jiskonta din is-sentenza u (4) ai termini ta' l-Artiklu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundanna lill-imputat sabiex ihallas nofs l-ispejjez tal-esperti kollha mahtura fl-inkjesta relattiva.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem car l-import ta' din is-sentenza u l-obbligi tieghu taht l-istess.

***(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D, M. Jur.***

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Registratur